**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Marzu, 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Frank Schembri detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 0494296M.**

*Kumpilazzjoni Nru.: 141/2025*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Frank Schembri** u ċioe talli:

**Nhar l-għaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għal-ħabta tat-tmienja u nofs (08:30hrs) ta' filgħodu minn ġewwa Timothy's Kitchen Kiosk ġewwa Triq il-Wied tal-Imsida, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

1. **Bi ħsieb li jikkommetti serq** ta' flus u/jew oġġetti, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tat-tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liema serq kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat **bil-mezz, bil-valur** u **bix-xorta tal-ħaġa misruqa,** għad-detriment ta' **Michael Aquilina** u/jew persuna u/jew persuni oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) u dan għad-dannu ta' **Michael Aquilina** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

**Talli nhar il-ħdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għal-ħabta tal-għaxra (22:00hrs) u nofsillejl neqsin kwart (23:45hrs) ta' filgħaxija minn ġewwa Triq Ħal-Luqa ġewwa Ħal-Qormi, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

3. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra u liema serq huwa aggravat **bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa** u **bil-valur**, liem valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' **Zoriana Naichuk** u/jew persuna/persuni oħra u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra n-nies;

5. U talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Michael Aquilina, Zoriana Naichuk** u **Adil Arif Awan** billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-artikolu 412Ċ u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġamenti adatti għal trattament, sabiex toħroġ ordni ta' trattament fir-rigward ta' **Frank Schembri** ai termini ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta'Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar is-17 ta' Frar, 2025, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi

legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**PIENA**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-fatt li it-tieni imputazzjoni serviet ta' mezz ai fini għall-ewwel imputazzjoni, tal-karattru refrattarju tal-imputat u taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ fosthom li ġaladarba l-imputat hu reċidiv, anke f'reati ta' serq, ma jistax jingħata sentenza sospiża minkejja l-kooperazzjoni tiegħu.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 265, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(1), 281(b), 289 u 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu w tikkundannah ghal **sittax (16) il-xahar priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed jinħareġ **Ordni ta' Trażżin** fil-konfront tal-imputat favur Michael Aquilina, Zoriana Naichuk u Adil Arif Awan għal zmien tlett (3) snin millum**.**

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ **Ordni ta' Trattament** għal zmien tlett (3) snin millum bl-iskop li l-imputat jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga.

Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation and Parole.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**